VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 257 tal-2010**

## ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

## Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 8 u 9 tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli tal-2005 dwar il- Kundizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 293 tal-2005.

Jissostitwixxi r-regola 8 tar-regoli prinċipali.

**2.** Minflok ir-regola 8 tar-regoli prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"8. (1) L-Awtorità kompetenti għandha toħroġ numru ta' approvazzjoni għal kull ċentru ta' assemblaġġ approvat. L-approvazzjonijiet jistgħu jkunu limitati għal speċi waħda jew aktar koperti minn dawn ir-regoli jew għal annimali għat-trobbija jew għat-tismin, jew għal annimali għall-qatla. L-Awtorità kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista ta' ċentri ta' assemblaġġ approvati u n-numri ta' approvazzjoni uniċi tagħhom u tara li tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

(2) L-Awtorita` kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista tan-negozjanti approvati u tal-istabbilimenti reġistrati li jkunu qed jintużaw min-negozjanti f'dak li għandu x'jaqsam man-negozju tagħhom u n-numri ta' approvazzjoni tagħhom u għandha tara li tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din is-subregola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fis-subregola (2) tar-regola 15 ta' dawn ir-regoli.".

**L.N. 257 of 2010**

## MALTA VETERINARY SERVICES ACT (CAP. 437)

## Health Conditions governing Intra-Community Trade in Ovine and Caprine Animals (Amendment) Rules, 2010

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 8 and 9 of the Veterinary Services Act, the Minister for Resources and Rural Affairs has made the following rules:-

Title.

**1.** The title of these rules is the Health Conditions governing Intra-Community Trade in Ovine and Caprine Animals (Amendment) Rules, 2010 and they shall be read and construed as one with the Health Conditions governing Intra-Community Trade in Ovine and Caprine Animals Rules, 2005 hereinafter referred to as "the principal rules".

L.N. 293 of 2005.

Substitutes rule 8 of the principal rules.

**2.** For rule 8 of the principal rules, there shall be substituted the following:-

"8. (1) The competent Authority shall issue an approval number to each approved assembly centre. Approvals may be limited to one or more species covered by these rules or to animals for breeding or fattening, or to animals for slaughter. The competent Authority shall draw up and keep up to date a list of approved assembly centres and their unique approval numbers and make it available to the other Member States and to the public.

(2) The competent Authority shall draw up and keep up to date a list of approved dealers and registered premises used by dealers in connection with their business and their approval numbers and shall make it available to the other Member States and to the public. Detailed rules for the uniform application of this sub-rule may be adopted in accordance with the procedure referred to in rule 15(2) of these rules.".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09